MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 38/2003

Avviz Nru 38/03DM

Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nicholas Coleiro u l-istess Nicholas Coleiro u b’nota tat-13 ta’ Mejju, 2004, is-socjeta’ Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nicholas Coleiro assumiet l-atti tal-kawza minflok il-kumpanija precedenti, Elmo Insurance Agency Limited

Vs

Joseph Gatt

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu s-somma komplessiva ta' elfejn erba' mija u hmistax-il lira (Lm2415) (Lm 2215 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm200 lill-attur Nicholas Coleiro) il linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Birkirkara fil-25 ta' Settembru, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. ABF 436 habat mal-vettura Nru. LCE 117 proprjeta' tal-attur Nicholas Coleiro u misjuqa minn Roderick Coleiro – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-20 ta' Novembru 2002, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1) It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici billi l-kollizjoni tal-25 ta' Settembru, 2002, meritu tal-kawza, grat minghajr htija jew nuqqas tal-konvenut, izda biss minhabba t-tort u t-traskuragni tas-sewwieq tal-vettura assikurata mis-socjeta' attrici Roderick Coleiro
.
2) Skond ma gie riferit lill-eccipjent mill-kumpanija assikutatrici tieghu, id-danni pretizi mis-socjeta ' attrici huma esagerati.

3) Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta', il-provi jikkonsistu fid-depozijzzjonijiet tas-sewwieqa mplikati u fl-iskizz maghmul mis-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, PS 1393 Carmel Azzopardi.

Minn dawn il-provi jirrizulta stabbilit li l-vettura ta' l-attur misjuqa minn Roderick Coleiro kienet qed tinsaq fuq il-karreggjata tax-xellug tat-triq, waqt illi dik misjuqa mill-konvenut kienet qed tinsaq fuq il-karreggjata tan-naha tal-lemin, iz-zewg vetturi miexjin fl-istess direzzjoni.

Jirrizulta stabbilit ukoll illi l-konvenut iddecieda li jaqleb mill-karreggjata tal-lemin tat-triq ghall-karreggjata tax-xellug u li waqt li qed jaghmel din il-manuvra sar il-kuntatt mal-vettura ta' l-attur misjuqa minn Roderick Coleiro. B'dan il-kuntatt din l-ahhar vettura spiccat go 'bollard' jew 'crash barrier' li kien hemm fuq il-genb tal-karreggjata tax-xellug fuq in-naha tax-xellug estrem, minghajr ma halliet xi sinjali indikativi li f'xi mument is-sewwieq seta' applika l-'brakes'.

B'rizultat tal-kuntatt il-vettura ta' l-attur ma tantx soffriet danni, izda bil-habta gol-'bollard' jew 'crash barrier' din il-vettura soffriet danni estensivi u giet iddikjarata bhala 'total lost'. Il-hsarat fil-vettura tal-konvenut kienu hfief u dovuti biss ghall-kuntatt hafif ma'l-vettura ta' l-attur

Fejn ma jaqblux is-sewwieqa huwa dwar il-posizzjoni tal-vettura misjuqa minn Roderick Coleiro fil-mument illi l-konvenut ghazel li jaghmel il-manuvra tieghu. Waqt li l-konvenut jallega illi hu kien diga' beda jesegwixxi din il-manuvra li jaqleb minn karreggjata ghall-ohra, meta sema' hoss qawwi li indikalhu li Coleiro kien qed javvicinah minn wara, Coleiro, minn-naha tieghu, jallega illi kien il-konvenut illi effettivament lahqu fuq il-karreggjata ta' barra

u ddecieda illi jaqleb mill-karreggjata l-ohra ezatt kif kien qed jissorpassah biex b’hekk spostah ghall-fuq ix-xellug u lanqas biss tah cans illi japplika l-‘brakes’ biex jevita l-iskontru mal-‘bollard’.

Billi kif diga’ inghad jirrizulta stabbilit illi kien il-konvenut illi kien qed jesegwixxi manuvra li kienet timplika bdil ta’ karreggjata u nvazjoni ta’ karreggjata fuq in-naha tax-xellug tieghu, jinkombi fuq l-istess konvenut illi jipprova illi qabel kollox ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex seta’ jibdel il-karreggjata tieghu minghajr ma jkun ta’ ebda ostakolu ghal xi traffiku li seta’ kien qed juza l-karreggjata li fiha ried jidhol.

Huwa accettat mill-istess konvenut illi z-zewg karreggjati kienu ghad-dritt u joffru lil kull sewwieq vizwali fit-tul kemm fuq quddiem u kemm fuq wara, u jirrizulta wkoll illi, almenu kif jistqarr il-konvenut, traffiku iehor kien limitat hafna.

Ghalhekk jirrizulta illi l-konvenut ma kellu ebda diffikulta’ jew pressjoni fuqu li setghet fixklitu fl-ezekuzzjoni tal-manuvra tieghu jew impedietu milli juza l-grad ta’ attenzjoni rikjest minnu.

Infatti ma kienx ikun spjegat kif il-konvenut seta’ ma jindunax bill-prezenza ta’ Coleiro fil-karreggjata l-ohra kieku mhux ghall-ammissjoni tieghu stess li lanqas ma ndenja ruhhu illi jhares fil-mirja qabel ma jaqleb il-karreggjata.

Il-fatt biss illi sema’ xi hoss ta’ xi vettura hdejh, anke jekk kien diga’ beda il-manuvra, kellu jkun bizzejjed biex jindikalu l-prezenza ta traffiku iehor. Kien issa ukoll obbligat li, qabel ma jkompli l-manuvra, jesplora sew il-karreggjati illi fihom kien qieghed ipoggi r-roti tal-vettura tieghu.

Dan kollu jitfa’ fuq il-konvenut responsabbilita’ kbira ghal dak li gara billi kollox huwa ndikattiv illi definittivament ma ghamel ebda esplorazzjoni tajba tat-toroq li fihom kien qed isuq, u l-allegazzjoni ta’ xi velocita’ eccessiva da parti ta’ Coleiro ma hiex sorretta mill-provi. Anzi l-indizji kollha

huma ndikattivi illi l-istess Coleiro kien qed isuq b'mod regolamentari u li gie sorpriz mill-manuvra inaspettata tal-konvenut tant illi, kif irrizulta mill-iskecc, lanqas ma kellu l-opportunita' japplika l-'brakes' kif gie spostat mill-vettura tal-konvenut.

Ghaldaqstant jirrizulta ampjament illi l-kawza ta' din il-kollizjoni hija t-traskuragni gravi tal-konvenut li minghajr ma ndenja li jaghmel l-esplorazzjoni debita tal-karreggjata tax-xellug, qabad u esegwixxa manuvra li wasslet ghall-kollizjoni.

Ghalhekk il-konvenut, unikament responsabbli ghall-kollizjoni, ghandu jirrispondi ghad-danni kollha illi soffrew l-atturi f'din il-kollizjoni.

Mid-deposizzjoni ta' Joseph Mula u d-dokumenti minnu esebiti jirrizulta ampjament illi d-danni totali sofferti mill-kumpanija attrici bhala assikuraturi ta' l-attur Nicholas Coleiro kienu jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elfejn, mija, hamsa u erghin lira Maltin (Lm2,145) tenut kont tas-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) li kien il-valur tal-vettura distrutta ta'l-attur wara l-kollizzjoni.

Minn dan l-ammont globali l-kumpanija assikuratrici attrici soffriet danni ta' elf, disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm1,945) waqt illi l-attur Nicholas Coleiro soffra somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) in linea ta' 'excess' skond il-polza ta' assikurazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u filwaqt li tiddikjara l-konvenut Joseph Gatt unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni, qieghda tillikwida d-danni sofferti mill-atturi Elmo Insurance Limited fis-somma ta' elf, disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm1,945) u d-danni sofferti mill-attur Nicholas Coleiro fis-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200), u konsegwentement qieghda tikkundanna lill-konvenut Joseph Gatt sabiex ihallas dawn l-ammonti lill-atturi rispettivament bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Novembru, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------